MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 1247/1994/1

**Yvonne Cassone f'isimha proprju u bhala legittima rapprezentanti ta' bintha minuri Patrizia Cassone, Loredana Monterosso Cassone, Roberto Cassone
v.**

**Alfred Calamatta, Silvio Cammandini u Robert Dragoni bhala diretturi u ghan-nom tas-socjeta` Chef Italy Ristoriamo Company Limited u b'digriet tas-7 ta' April 1995, Dr Leslie Cuschieri u P.L. Gerald Bonello gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` konvenuta Chef Italy Ristoriamo Co. Limited**

**Il-Qorti:**

**I PRELIMINARI**

1. Din il-kawza tikkoncerna kaz li sehh fit-13 ta' Jannar 1993, meta Vittorio Cassone, kien qed jahdem bhala Catering Manager fi stabbiliment kummercjali maghruf bhala "Chef Italy" gewwa San Giljan, liema stabbiliment kien gestit mis-socjeta` konvenuta. Vittorio Cassone safa' maqtul kiesah u biered b'tir ta' arma tan-nar sparat lejh minn aggressur waqt li dan kien qieghed iwettaq *hold-up* fl-istess stabbiliment. Fic-citazzjoni taghhom, l-atturi, li huma rispettivament l-armla u wlied il-mejjet, allegaw li s-socjeta` konvenuta kkontribwiet ghall-mewt ta' Vittorio Cassone u dan billi naqset li tiehu prekawzjonijiet necessarji biex tevita dak li gara. L-atturi ghalhekk fittxew lis-socjeta` konvenuta ghad-danni.

2. B'sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili, Prim Awla, fis-7 ta' Lulju 2004, dawn it-talbiet ta' l-atturi intlaqghu b'mod li s-socjeta` konvenuta giet ikkundannata thallas is-somma ta' Lm22,500, bl-imghaxijiet relativi, bhala danni konsegwenzjali ghall-qtil ta' l-imsemmi Vittorio Cassone. Din is-sentenza, li issa qieghed isir appell minnha quddiem din il-Qorti mis-socjeta` konvenuta, tghid hekk:

"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fis-16 ta' Settembru, 1994, li in forza taghha, wara li ppremettew illi l-attrici *Yvonne Cassone* kienet mizzewwga lil *Vittorio Cassano* u miz-zwieg taghhom kellhom tlett itfal *cioe`* l-atturi l-ohra *Loredana, Patricia* u *Roberto*, ahwa *Cassone.*

"Ippremettew fl-10 ta' Awissu, 1992 l-imsemmi *Vittorio Cassone* kien gie impjegat mis-socjeta` konvenuta b'paga mensili ta' erba' mitt lira (Lm400) bhala *"Catering Manager"* ta' l-istabbiliment kummercjali *"Pastaluovo"* gewwa *San Giljan*, gestit mis-socjeta` konvenuta.

"Ippremettew illi ghall-habta tas-6.30pm fit-13 ta' Jannar, 1993 filwaqt illi kien qieghed jahdem fil-post tax-xoghol tieghu fuq imsemmi, l-imsemmi *Vittorio Cassone* safa' maqtul minn persuna injota b'arma tan-nar fil-kors ta' *"hold up"* fl-imsemmi fond.

"Ippremettew illi l-imsemmi *Vittorio Cassone* miet intestat.

"Ippremettew illi kif sejjer jirrizulta mill-provi fil-kors tal-kawza, il-konvenuti *nomine* ikkontribwew lejn l-akkadut tal-mewt tragiku ta' l-imsemmi *Vittorio Cassone* bin-negligenza u n-nuqqas ta’ prekawzjonijiet necessarji *da parte* taghhom.

"Ippremettew illi interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni minnhom ikkawzati lill-atturi, il-konvenuti *nomine* baqghu inadempjenti, *nonostante* l-impenji minnhom originarjament moghtija.

"Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

"1. Tiddikjara illi l-mewt ta' l-imsemmi *Vittorio Cassone* fit-13 ta’ Jannar, 1993 gie kkawzat, in toto jew in parte, minn negligenza tal-konvenuti *nomine* u l-istess konvenuti huma obbligati jaghmlu tajjeb fil-grad li okkorrendo tigi stabilita` minn dina l-Qorti, ghad-danni sofferti mill-atturi.

"2. Tillikwida d-danni hekk ikkawzati mill-konvenuti *nomine* u sofferti mill-atturi okkorrendo bl-opera ta’ periti u esperti nominandi.

"3. Tikkundanna lill-istess konvenuti *nomine* sabiex jhallsu lill-atturi dik is-somma illi tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti.

"Bl-imghax legali u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri bonarji tat-8 ta’ Frar, 1993 u ta' l-ittra gudizzjarja tas-6 ta’ Mejju, 1993, kontra l-konvenuti illi huma lkoll ingunti ghas-subizzjoni.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha huma eccepew illi;

*"1. Alfred Calamatta* gie mharrek fil-kwalita` tieghu ta’ *Direttur* tas-socjeta` konvenuta u ghalhekk f’din il-kwalita` biss jista jaghmel eccezzjonijiet. Huwa irrizenja mill-

kariga ta’ Direttur fit-22 ta’ Gunju, 1992, kopja tar-Rizenja esebita Dok “A”; id-diretturi l-ohra imharrkin huma msefrin u konsegwentement in-notifiki mhumiex validi u iridu jsiru notifiki validi u legittimazzjonijiet ta’ l-atti; ghal kull *buon fini* l-eccipjent qieghed jippresenta in-nota ta’ l-eccezzjonijiet f’isem is-socjeta` anke f’isem id-diretturi esteri;

"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, *a tenur* ta’ *Memorandum & Articles* tas-socjeta` konvenuta, ir-rappresentanza tas-socjeta` hija vestita fi tliet diretturi; fil-kaz odjern, il-kawza giet istitwita kontra tliet diretturi, li minnhom wiehed irrizenja u t-tnejn l-ohrajn msefrin;

"3. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent filwaqt illi jirriserva illi s-socjeta` konvenuta teccepixxi ulterjormment jichad bil-qawwa kollha kwalunkwe responsabilita` tas-socjeta` konvenuta fil-mewt ta` *Vittorio Cassone stante* li s-socjeta` konvenuta ma kellha ebda nuqqas jew responsabilita`.

"Salvi eccezzjonijiet ohra.

"Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

"Rat id-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-7 ta’ April, 1975, li in forza tieghu gew mahtura l-*Avukat Dottor. Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello* bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` konvenuta ghall-finijiet kollha tal-ligi;

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi;

"1. Ghalkemm huma gew innominat b’digriet tas-7 ta’ April, 1995 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` konvenuta *Chef Italy Ristoriamo Company Limited*, huma mhumiex edotti mill-fatti.

"2. Illi huma jirriservaw li jeccepixxu ulterjorment.

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

"Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

"Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

"Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

"Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

"Ikkunsidrat;

"Illi dan il-kaz jikkoncerna incident li sehh fit-13 ta' Jannar, 1993, meta r-ragel u missier l-atturi, *Vittorio Cassone,* kien qed jahdem bhala *catering manager* fl-istabilment kummercjali maghruf bhala *"Chef Italy"* gewwa *San Giljan,* stabbiliment li kien gestit mis-socjeta` konvenuta, u safa' maqtul minn persuna injota waqt *hold-up* li sehh fuq l-istabiliment. L-atturi qed jallegaw li s-socjeta` konvenuta kkontribwiet ghal mewt ta' *Vittorio Cassone* u dan billi naqset li tiehu prekawzjonijiet necessarji biex tevita l-incident. L-atturi qieghdin, ghalhekk, ifittxu lis-socjeta` ghad-danni.

"L-atturi jibbazzaw it-talba taghhom fuq il-fatt li gewwa l-hanut ma kienx hemm *alarm* illi seta' gie skattat mill-impjegati f'cirkustanza simili, ma kien hemm ebda mezz illi l-impjegati wara l-*counter* setghu jitolbu l-ajjut minn barra hlief billi jghaddu minn quddiem dak li jkun qed iwettaq xi *hold-up* (ma kienx hemm *"uscita di sicurezza")*, u ma kienx hemm dawl sufficjenti fil-vicinanzi tal-hanut. Fil-fatt, wara l-incident, fil-hanut sar *alarm* u gie nstallat *spot light* barra l-istess hanut.

"Ghalkemm il-Pulizija ghandhom certa indikazzjoni li l-persuna li wettqet il-*hold-up* kienet certa *Melchior Spiteri*, ma kellix fatti konkreti fuqhiex tistrieh u sa fejn taf din il-Qorti, ma ittiehdu ebda passi, la kriminali u lanqas civili, kontra min allegatament wettaq ir-reat u qatel lil *Vittorio Cassone.* L-atturi mhux qed jaghmlu din il-kawza kontra dak li qed jallegaw li spara fuq *Vittorio Cassone,* izda kontra s-socjeta` konvenuta, li kienet qed timpjega lil dak

ir-ragel, u dan peress li, skond huma, ma hadux prekawzjonijiet kontra incidenti simili.

"Bhala principji generali jista' jinghad li min ihaddem huwa obbligat li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' periklu u riskji ghas-sahha tal-haddiema (“Desira vs Grech and Company Co. Ltd”, deciza min din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2002), u huwa obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet li jassiguraw is-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol tieghu (“Bugeja vs Falzon”, deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 1997); l-*employer* ghandu jinzamm responsabbli meta ma jiehux hsieb li jipprovdi ambjent li jassikura s-sahha tal-haddiem (“Camilleri vs Malta Shipbuilding Co. Ltd”), deciza minn din il-Qorti fis-26 ta' Frar, 2001). Min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu (“Cini vs Wells”, deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2001). Dawn huma l-principji generali li jirregolaw l-obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi ghas-sahha u s-sigurta` tal-haddiema tieghu, u ghalkemm huma principji li gew enuncjati f'kaz ta' haddiema li jwegghu fuq il-lant tax-xoghol minn oggetti inominati, bhala magna, vettura jew fork lifter, huma principji generali li jitfghu obbligu fuq min ihaddem biex jipproteggi lill-haddiema anke minn att ta' terz, bhal, per ezempju, azzjoni ta' xi haddiem iehor jew ta' xi terza persuna li jkollha access ghal fuq il-post tax-xoghol. Hu obbligu ta' min ihaddem li jassigura li l-haddiema tieghu mhux biss ma jwegghux minn xi magna, izda lanqas b'agir ta' xi persuna irresponsabbli li takkwista access ghal post tax-xoghol. Ovvjament, min ihaddem mhux tenut li jipprevedi incident li jsehh b'forza maggura jew kaz fortwietu. Min naha l-ohra, kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Galea Debono noe vs Abela”, deciza fit-28 ta' April, 2003, il-kaz fortuwitu, il-forza maggura u l-istat ta' necessita` ma jehilsux mir-responsabilita` jekk ikunu preceduti minn htija ta' min ikkaguna d-danni. F'kawza ohra li kienet tirreferi ghad-depozitu, intqal li, *“is-serq ta' l-oggett depozitat jammonta ghal kaz fortuwitu, meta d-depozitarju jkun ha l-prekawzjonijiet xierqa biex is-serq ma jsirx; u bhala tali s-serq ma jidholx fir-responsabilita`*

*tad-depozitarju"* – "Borg Bonaci vs Biasini", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Mejju, 1950 (Kollez. Vol. XXXIV.I.189).

"Fil-kaz in kwistjoni, il-post tax-xoghol huwa hanut u *kwindi* ghandu bilfors ikun miftuh ghall-pubbliku in generali u b'mod regolari. Hanut ma jistax jipprovdi *"pass"* ghal kull min irid jidhol u jinqeda, u, anzi, biex jiggenera l-kummerc, irid jipprovdi access liberu ghall-klienti tieghu. Hi, allura haga li tkun mistennija li n-nies se jidhlu fil-hanut, izda ghandha wkoll tkun mistennija li okkazzjonalment xi hadd rasu shuna jista' jaqla l-inkwiet fil-hanut. Incidenti bejn klienti u min ikun wara l-*counter* f'hanut jinqalghu ta' spiss, u peress li ma jistax jigi eskluz li klient partikolari isir vjolenti u aggressiv, min imexxi l-hanut ghandu jipprovdi ghas-sigurta` tal-haddiema billi, tal-anqas, jipprovdi *via di scampo.* Meta l-generu tan-negozju gestit f'hanut ikun jehtieg kuntatt dirett u personali mal-klient, min ihaddem ma jistax jippreveni kontra l-ewwel assalt jew daqqa min klient fuq l-impjegat tieghu, izda ghandu jipprovdi l-opportunita` lill-impjegat jevita aggressjoni akbar billi, jekk ikun possibbli, jahrab minn taht idejn l-aggressur; min ihaddem ghandu jipprovdi jew bieb fuq wara min fejn l-impjegati jkunu jistghu jaharbu jew kamra li tista tinghalaq u tkun *secure* kontra xi vjolenza jew agressjoni li jistghu jaddoperaw xi klienti.

*"Oltre* klienti aggressivi, min ihaddem ghandu jipprevedi li, xi darba jew ohra, jista' jkun vittma ta' xi attentat ta' serq jew hsara fuq il-hanut tieghu, u dan, specjalment, jekk dak il-hanut ikun ha isem li jkollu prodotti tajba u, kwindi, klientela tajba u regolari. Nies li ma jkollhomx intenzjonijiet tajba, malajr jisimghu b'dawn ic-cirkustanzi, u ghandu jkun prevedibbli li dawn in-nies jitfghu ghajnejhom fuq dawn il-hwienet.

"Il-hanut in kwistjoni ma kienx ilu li nfetah *pero`*, b'*chef* taljan li kien gia ghamel isem hawn Malta, malajr ha l-fama li kellu prodotti genwini. In-negozju kien jidher li kien sejjer tajjeb, u sid il-hanut kellu jistenna li, xi darba jew ohra, seta' jkun il-mira ta' hallelin. Huwa kellu, allura,

bhala *bonus paterfamilias,* jiehu certi mizuri ta' sigurta` u jahseb ghall-inkolumita` tal-haddiema tieghu.

"F'kawza li kienet tikkoncerna oggetti depositati ma' terza persuna, dik "Dimech vs Busuttil", deciza min din l-Onorabbli Qorti (per Onor. Imhallef H. Harding) fit-13 ta' Mejju, 1983, intqal hekk a propositu tal-mizuri li d-depozitarju kellu jiehu: *"Il-konsegnatarju mhux obbligat jiddepozita l-oggetti go bank jew ikoprihom b'insurance, meta d-depozitant ma ezegiex dan u lanqas ma ofra li jhallas il-bank charges jew il-premiums. Lanqas ma jista' jinghad li l-konvenut naqas mid-doveri tieghu meta ma ghamilx id-deheb go safe. Hu kellu bieb tal-hadid u anke burglar's alarm; wiehed m'ghandux jistenna minn ghandu li hu janticipa li l-hallelin jidhlu fil-hanut billi jaqalghu cnagen mill-hajt divizorju u, ghalhekk, ma jistax jinghad li kellu kolpa, lanqas lievi".*

"Ovvjament, meta qed tigi trattata s-sahha tal-haddiem, iridu jittiehdu in konsiderazzjoni fatturi ohra, u ghalkemm haddiem ma jistghax *"jinghalaq"* go *safe*, mizuri ta' sigurta` ohra iridu jittiehdu. Fil-kawza kwotata, il-Qorti osservat li kienu ittiehdu mizuri adegwati, u dan billi twahhal bieb tal-hadid u anke *alarm*; fil-kaz meritu ta' din il-kawza, *pero*`, ma ittiehdu ebda mizuri. Dawl adegwat fuq barra, bieb li jinfetah u jinghalaq minn gewwa, sistema ta' *alarm* facilment accessibbli ghall-impjegati, u bieb li jinghalaq li jaghti ghall-parti ta' wara tal-hanut u li jkun vicin l-impjegati, huma ftit mill-mizuri bazici li sid ta' stabbiliment ghandu jiehu fl-interess tan-negozju tieghu u l-haddiema.

"F'dan il-kaz la kien hemm dawl adegwat barra, la sistema ta' *alarm*, u min jisgicca ghal wara tal-hanut, isib ruhu fi gnien imdawwar b'hitan b'mod li ma jistax jahrab l-aggressur tieghu indefinitivament. Ovvjament, dawn il-mizuri m'humiex garanzija li att ta' aggressjoni ma ssehhx xorta wahda, izda hu maghruf u pruvat li fejn aggressur ghandu ghazla bejn *"an easy job"* u attentat li jkun fih possibilita` ta' komplikazzjoni, huwa jaghzel tal-ewwel.

"Kif inhu risaput, biex ikun hemm responsabilita`, trid tirrizulta *nexus* ta' kawza u effett bejn l-att u l-dannu (Kollez. Vol. XL1.I.800), u fil-fehma ta' din il-Qorti, din giet ippruvata ghax bil-fatt li ma ittiehdet ebda mizura' ta' sigurta`, zdiedet il-possibilita` ta' att ta' aggressjoni, u, fuq kollox, ghamlita kwazi impossibbli ghall-haddiema li jaharbu l-aggressjoni. Il-Qorti ma tistax tipprevedi x'kien jigri li kieku, per ezempju, inxteghel l-*alarm* waqt li l-aggressur kien fuq il-post, jew li kieku kien hemm l-possibilita` li l-impjegati jaharbu ghat-triq u mhux biss sal-kcina, izda li hu zgur hu li, anke mehud kont tal-fatt li l-aggressur kien eccittat hafna, il-fatt li ma kien hemm xejn xi fixxklu, ghan mhux ftit biex iwettaq ir-reat.

"Responsabbli ghal dan kollu primarjament huwa l-aggressur, *pero*`, dan ma giex imsejjah fil-kawza; ghalkemm il-Pulizija ma kellhiex indizji konkreti dwar min kien l-aggressur, suspetti kien hemm u kieku gew kjamati in kawza l-allegati persuni suspetti, din il-Qorti, forsi, fuq grad ta' probabilita`, kienet tikkonkludi pozittivament dwar ir-responsabilita` taghhom. L-aggressur, ghalhekk, baqa' terz injot, u ebda parti mit-tort ma tista' tigi addebitata lil xi hadd li ma hux fil-kawza (<u>"Fenech vs Gauci"</u>, deciza min din il-Qorti fil-21 ta' Frar, 1994). Kif osservat l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza <u>"Camilleri vs Cutajar"</u>, deciza fid-9 ta' Dicembru, 1968, *"Jekk il-konvenut ma setax sejjah lil dan it-terz fil-kawza ghax ma jafux, m'hu ebda tort ta' l-atturi u, fil-fehma tal-Qorti, jekk xi hadd ghandu jbati minn dan il-fatt, jidher wisq aktar gust li jbati l-konvenut li kellu zgur parti mill-htija, milli l-atturi li qed jitolbu r-riparazzjoni ghat-telf soffert minnhom".*

"Ghalhekk, il-Qorti issib li s-socjeta` konvenuta ghandha tinstab responsabbli mill-mewt tal-awtur tal-atturi, u dan peress li kienet negligenti u in kolpa meta ma hadetx mizuri ta' sigurta` biex tissalvagwardia l-inkolumita` tal-impjegati taghha, ommissjoni din li, fuq bazi ta' probabilita`, ikkontribwit mhux ftit ghall-akkadut.

"Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, rrizulta li *Vittorio Cassano* kellu 58 sena meta miet, u kellu dhul ta' madwar Lm5000 fis-sena.

"Illi f'kazijiet konsimili l-principju konsegwit hu dak tar-restitutio in integrum, fis-sens illi *"l-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-pozizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn*" ("Borg pro et noe – vs – Muscat", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Jannar, 1973);

"Fl-istat attwali ta' l-izvilupp gurisprudenzjali taghna l-gudikant m'ghandux ghalfejn jaqa' fuq il-kriterju ekwitattiv ta' l-*arbitrio boni viri*, cioe` li jiffissa *somma ex aequo et bono* minghajr kriterju specifiku, meta bil-ghajnuna ta' metodu prattikabbli giet mill-Qorti stabbilita` formula dwar il-kalkolu tal-kumpens jew somma ghad-danni sofferti. Dan kif traccjat fis-sentenza "Michael Butler – vs – Peter Christopher Heard", Appell Civili, 22 ta' Dicembru, 1967, *ormai locus classicus* fuq is-suggett. Cionostante l-formula f'din id-decizjoni stabbilita`, gie xorta wahda ritenut illi *"margini ta' l-attitudni diskrezjonali irid dejjem jithalla lill-gudikant"* ("Bugeja – vs – Borg", Prim' Awla, Qorti Civili, 11 ta' Mejju, 1983);

"Tali diskrezzjonalita` jidher li giet adoperata fil-kaz tal-multiplier ("Kevin Agius – vs – Colin Murphy", Qorti tal-Kummerc, 23 ta' Marzu, 1990) billi din ma baqghetx marbuta ma' massimu ta' ghoxrin (20) sena *"working life expectancy",* kif ukoll fir-rigward tal-*"lump sum percentage deduction"* ("Mark Caruana – vs – Grazio Camilleri", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru, 1993);"

"Fil-fissazzjoni tal-*multiplier* , wiehed m'ghandux, min naha l-ohra, jadotta il-*"maximum working life expectancy"*, izda wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni c-*"chances and changes of life".*

"Inghad proprju fid-decizjoni fl-ismijiet "Karen Zimelli – vs – Michael Sammut", Prim' Awla, 15 ta' Gunju, 1993, illi *"l-Qorti ma jidhriliex li ghandha tkun marbuta ma' xi massimu gia stabbilit sallum li, fl-ahhar mill-ahhar, hu dejjem arbitrarju u opinjonistiku. Hi tal-fehma li multiplier ta' tletin (30) sena ikun gust u jirrifletti aktar l-esigenzi tal-*

*kaz in esami, tenut kont tac-changes and chances tal-hajja";"*

"Id-*decujus* kien jahdem ghar-rasu u, allura, wisq probabili ma kienx jieqaf jahdem ta' 60, izda bis-sena li kellu, setgha facilment ikompli jahdem sal-eta` ta' 65 jew 70 sena. Il-Qorti, ghalhekk, thoss li *multiplier* ta' 5 ghandu jitqies adegwat.

"Id-dhul tal-mejjet, kien ovvjament, mistenni li jizdied maz-zmien, *pero*`, fuq medda ta' hames snin, ma hemmx spazju bizzejjed biex id-dhul jghola drastikament. *Kwindi,* l-Qorti se tahdem fuq dhul annwali ta' Lm6000.

"Ghar-rigward tal-*lump sum payment,* l-ahhar pronuncjament mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, hija li dan m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza: *"jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction"* – "Agius vs Fenech", 29 ta' Ottubru, 2003. F'dan il-kaz, ma tirrizulta ebda htija tad-danneggant ghad-dewmien tal-kawza.

"Mill-ammont ta' kumpens, wiehed ghandu jnaqqas 25% ohra ghal *personal consumption.*

"B'hekk, il-kumpens ghandu jinhadem a bazi ta' din il-formula: Lm6000x5-25%. Il-kumpens huwa, ghalhekk, ta' Lm22,500.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi min din il-kawza, billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici, u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta, *Chef Italy Ristoriamo Co. Ltd*, thallas lill-atturi, *in linea* ta' danni, s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf u hames mija lira Maltin (Lm22,500), bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sal-gurnata tal-pagament effettiv.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta."

**II L-APPELL**

3. Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata minn din is-sentenza ghar-ragunijiet li hija spjegat dettaljatament fir-rikors ta' l-appell taghha pprezentat fit-22 ta' Lulju, 2004. Hemmhekk hija talbet li din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla u tirrevoka l-imsemmija sentenza appellata, billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tichad it-talbiet ta' l-atturi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

4. L-atturi opponew dana l-appell b'risposta pprezentata minnhom fl-10 ta' Awissu, 2004. Fiha ressqu s-sottomissjonijiet taghhom biex jikkontrobattu l-aggravji avanzati mis-socjeta` appellanti u stqarrew li s-sentenza appellata hija gusta u li timmerita li tigi kkonfermata u li ghalhekk l-appell interpost mis-socjeta` konvenuta ghandu jigi michud bl-ispejjez.

5. Din il-Qorti appuntat l-appell ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' Frar, 2007. Fit-8 ta' Frar 2007, is-socjeta` konvenuta appellanti pprezentat rikors li bih huma esponew li kienu saru jafu li fil-mori ta' l-appell kien tressaq certu Melchior Spiteri li gie akkuzat bl-omicidju ta' Vittorio Cassone, liema omicidju kienu wkoll mertu ta' din il-kawza. Ghalhekk is-socjeta` appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha tordna s-sejha fil-kawza ta' l-imsemmi Melchior Spiteri.

6. Din il-Qorti cahdet din it-talba, b'digriet moghti fid-9 ta' Frar 2007, ghar-raguni li l-kjamata fil-kawza tista' issir biss fil-Qorti ta' l-ewwel grad.

7. Fis-seduta tat-12 ta' Frar 2007, din il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri u dakinhar il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**<u>III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

8. Kif diga` ntqal il-kawza tikkoncerna incident li gara hmistax-il sena ilu meta Vittorio Cassone, li kien qed jahdem bhala Catering Manager fl-istabbiliment kummercjali maghruf bhala "Chef Italy", gestit mis-socjeta` konvenuta appellanti f'San Giljan, safa' maqtul minn aggressur li wettaq *hold-up* fl-istess stabbiliment. L-atturi allegaw fic-citazzjoni taghhom li s-socjeta` appellanti

kienet ikkontribwiet biex sehhet il-mewt tragika ta' l-imsemmi Vittorio Cassone ghaliex hija kienet negligenti billi naqset li tieghu dawk il-prekawzjonijiet necessarji li kienu jirrendu l-post tax-xoghol sikur. Ghalhekk, l-atturi ppretendew li s-socjeta` appellanti kienet responsabbli ghall-akkadut u kienet obbligata li thallashom ghad-danni li huma sofrew bil-mewt tragika ta' Vittorio Cassone.

9. L-atturi bbazaw it-talba taghhom fuq il-fatt li ma kienx hemm dawl sufficjenti fil-vicinanzi tal-hanut, kif ukoll fuq il-fatt li ma kien hemm l-ebda sistema ta' "*alarm"* li seta' jigi skattat mill-impjegati, f'kaz ta' aggressjoni. Ibbazaw it-talba taghhom ukoll fuq il-fatt li fuq il-post ma kien hemm ebda mezz li l-impjegati li jkunu wara l-*counter* setghu jitolbu l-ajjut minn barra, hlief billi jghaddu minn quddiem dak li jkun qed iwettaq il-*hold-up*. Dan ghaliex ma kien hemm l-ebda hrug ta' emergenza ohra fil-hanut. L-atturi jghidu li wara l-incident fil-hanut tpogga sistema ta' "alarm" u gie installat ukoll spot light fuq in-naha ta' barra tal-hanut.

10. Jidher li l-pulizija mill-ewwel kellhom indikazzjoni li l-*hold-up* twettaq minn certu Melchior Spiteri. Dan johrog car mir-rapport esebit mill-Ispettur tal-Pulizija Stephen Gatt, u li jinsab a fol. 47 *et seq*. tal-process. F'dak l-istadju l-pulizija ddecidiet li ma kellhiex bizzejjed provi f'idejha biex tkun tista' tassigura sejbien ta' htija. Infatti, din hija l-konkluzjoni li tohrog mill-istess rapport ezattament minn fol. 50 tal-process. Dan ir-rapport huwa datat 5 ta' Frar, 1993. Jirrizulta wkoll li fid-data meta sehh id-delitt in kwistjoni dan Malcolm Spiteri kien mahrub mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.
11. Minn dak li ntqal fil-paragrafu 5 supra jidher li eventwalment il-pulizija ressqu lil dan Melchior Spiteri quddiem il-Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali b'akkuza ta' l-omicidju in kwistjoni. Is-socjeta` appellanti talbet il-kjamata in kawza tieghu fl-istadju ta' l-appell izda din il-Qorti ma setghetx tilqa' din it-talba billi kjamata fil-kawza ma tistax issir minn din il-Qorti f'dana l-istadju.

12. L-aggravji tas-socjeta` appellanti huma tnejn. Tallega li fl-ewwel lok l-ewwel Qorti zbaljat meta sabet lis-socjeta`

konvenuta responsabbli ghad-danni konsegwenzjali tal-mewt ta' Vittorio Cassone. Tallega fit-tieni lok li minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, li l-ewwel Qorti ghamlet kwantifikazzjoni eccessiva ta' l-imsemmija danni.

13. Is-socjeta` appellanti spjegat l-ewwel aggravju billi qabel xejn ghamlet referenza ghall-Artikolu 1032 u 1029 tal-Kodici Civili li jistabilixxu l-principji generali li jirregolaw kaz bhal dan fejn qed tigi allegata htija akwiljana. Is-socjeta` appellanti ma tikkontestax li min ihaddem ghandu dover generali u obbligu li jipprovdi ghas-sigurezza ta' l-impjegati tieghu b'mezzi u mizuri adegawti. Madanakollu, hija tishaq li dan id-dover jestendi ghar-riskji li huma normali u inerenti fix-xoghol bhal ma huma korrimenti industrijali, "*health hazards*, *occupational risks*, u *safety risks*". Pero` dan id-dover ma jista' qatt jestendi illi jipprevedi kontra l-kommissjoni att kriminuz da parti ta' terza persuna. L-ewwel Qorti stess stqarret illi primarjament responsabbli huwa t-terz, allura injot, li wettaq l-att kriminali. Is-socjeta` appellanti sahqet li l-att tat-terz huwa att kriminuz u konsegwentement ir-responsabbilita` ghandha u tibqa' taqa' fuq tali persuna u qatt fuq parti ohra, ghaliex ir-responsabbilita` ghal att kriminuz li taghmel parti ma tista' qatt tigi trasportata u trasposta fuq parti li ma kellha x'taqsam xejn ma' tali delitt. Is-socjeta` appellanti tghid illi l-att kriminuz in kwistjoni bl-ebda mod ma kien jinkwadra fil-kuntest tax-xoghol ordinarju gestit mis-socjeta` konvenuta li kien wiehed li jikkoncerna l-bejgh ta' *pasta*. Ix-xoghol taghha ma kienx xoghol li jesponi l-impjegati ghal xi riskju inerenti ta' xi halliel jew agressur, bhal jista' jinghad, per ezempju, fil-kaz ta' xoghol li jkun gestit minn kumpaniji li jitrasportaw il-flus jew oggetti prezzjuzi. In-negozju taghha kien negozju bhal hafna ohrajn li hemm San Giljan u cioe` kien qieghed isir f'lokal residenzjali u mhux f'xi post maqtugh jew isolat min-nies. Is-socjeta` appellanti tghid ukoll illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti wzat lingwagg u ragjonament li huwa approssimattiv u ipotetiku jekk mhux ukoll kongetturali. Is-socjeta` appellanti ssottomettiet li l-oneru tal-prova civili, u cioe` l-kriterju tal-bilanc ta' probabilitajiet, ma giex sodisfatt anke ghaliex fil-kamp tar-responsabbilita` civili wiehed ikun irid jipprova l-htija billi jipprova n-ness bejn il-kawza u

l-effett u mhux jibbaza ruhu fuq ipotezijiet u supposizzjonijiet ta' x'seta' gara. Is-socjeta` appellanti ssottomettiet li l-lanjanza fondamentali taghha hija li l-atturi kellhom fuqhom l-oneru tal-prova tat-tort tal-konvenuti u dan l-oneru ma ssodisfawhx. Isegwi li l-ewwel Qorti kellha tichad it-talbiet ta' l-atturi abbazi tal-massima antika "*actore non probante reus absolvitur*". Is-socjeta` appellanti ziedet tghid illi hija ma taqbel xejn mal-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti illi ladarba ma giex kjamat fil-kawza t-terz li wettaq l-aggressjoni allura r-responsabbilita` kollha ghad-danni taqa' fuq is-socjeta` konvenuta. Hija ziedet tghid illi anke fl-ipotesi li kellha xi negligenza kontributorja u anke kieku kienet jew setghet kienet taf min huwa t-terz li wettaq l-aggressjoni u li ghazlet li ma ssejjahlux fil-kawza, xorta wahda hija kienet tkun responabbli <u>biss</u> ghan-nuqqasijiet u t-tort taghha u xejn izjed. Is-socjeta` appellanti rreferiet ghal dak li ntqal fil-kawza **Camilleri v. Cutajar** deciza fid-9 ta' Dicembru 1960, u li tinsab citata fis-sentenza appellata, u ssottomettiet li ma tistax taqbel ma' dak id-*dictum*. Ziedet tghid li l-lanjanza dwar dan hija li s-socjeta` konvenuta tikkontendi illi hija ma kellha htija ta' xejn, apparti li ghandha riservi kbar kemm tista' tattribwixxi t-tort kollu lill-konvenut li jkollu biss parti mit-tort meta l-oneru jaqa' fuq l-attur li seta' u kellu l-interess jikkjama, ghall-finijiet ta' inegrita` ta' kundanna, l-partijiet kollha li seta' jkollhom xi responsabbilita`.

14. Kwantu ghat-tieni aggravju li gie sottomess minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal qabel, is-socjeta` appellanti ziedet tghid li ma taqbilx mal-metodu ta' kwantifikazzjoni tad-danni maghmul mill-ewwel Qorti. Is-socjeta` appellanti ssottomettiet li ma giex muri illi l-atturi, jew almenu kollha kemm huma, kienu dipendenti fuq il-mejjet u l-principju accettat in materja huwa illi meta ma jkunx hemm grad ta' dipendenza, allura jkun hemm tnaqqis iehor, xi drabi ta' nofs l-ammont likwidat. Ziedet tghid ukoll li s-sentenza appellata hadet in konsiderazzjoni *multiplier* eccessiv.

15. Biex jikkumbattu l-aggravji msemmija tas-socjeta` appellanti, l-atturi appellati ssottomettew is-segwenti:

"1. Il-Ligi tikkontempla u specifikatament tirregola l-konkorrenza ta' responsabbilita` ghal danni akwiljani bejn pluralita` ta' persuni anke fejn l-att dannuz ikun sar minn uhud minnhom negligentement u ohrajn malizjosament. Skond il-Ligi u l-gurisprudenza ghalhekk il-fatt illi att dannuz ikun sar malizjosament minn persuna wahda ma jfissirx skond il-Ligi illi talli responsabbilita` tassorbi l-htija konkorrenti ta' haddiehor u ma jezonorax lil min ippartecipa b'mod determinanti izda minghajr malizja fl-att dannuz.

"2. Illi n-nuqqasijiet ravvizati mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-komportament tas-socjeta` konvenuta huma reali u wasslu materjalment ghall-akkadut.

"3. Illi dak ritenut mill-ewwel Onorabbli Qorti dwar l-effetti tal-fatt illi t-terz injot ma giex imsejjah fil-kawza jikkonformaw mal-gurisprudenza fil-meritu.

"4. Illi d-danni likwidati huma gusti u reali. Id-dipendenza ta' l-atturi fuq id-defunt (zewg l-attrici Yvonne Cassone u missier l-atturi l-ohra) hija cara u temani bhala r-rizultat naturali tar-relazzjoni taghhom."

16. Is-socjeta` appellanti ma tikkontestax li kull min ihaddem ghandu d-dover u l-obbligu li jiehu l-prekawzjonijiet ragjonevoli kollha sabiex jissalvagwardja s-sigurezza u s-sahha tal-haddiema tieghu fuq il-post tax-xoghol. Is-socjeta` appellanti tikkontendi li dan id-dover ta' min ihaddem, jestendi biss ghal dawk ir-riskji li huma inerenti u normali fix-xoghol li jkun qed jigi gestit fuq il-post tax-xoghol, u bl-ebda mod ma jista' jestendi sabiex ikopri kull att kriminuz ta' xi terza persuna. Is-socjeta` appellanti qieghda bazikament tirritjeni illi hija ma kellha l-ebda htija ghal dak li gara lill-vittma. Qieghda tghid li l-atturi ma ppruvawx li s-socjeta` konvenuta kellha xi tort ghal dak li gara u ghalhekk hija qieghda sostanzjalment tikkontesta l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti.

17. Bhala linea ta' massima, din il-Qorti ta' revizjoni generalment ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li

jkun sar mill-Qorti tal-prim istanza. Madanakollu, jekk din il-Qorti jkun jidhrilha li tali apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti jkun talment zbaljat li jekk tali apprezzament jithalla jibqa' in vigore, tkun sejra ssir gustizzja manifesta lil xi parti, allura f'dan il-kaz din il-Qorti, fl-interess tal-gustizzja sostanzjali, ghandha d-dover li ma toqghodx lura u ghandha tipprocedi biex taghmel il-valutazzjoni taghha u cioe` l-valutazzjoni korretta tal-provi akkwiziti fil-process.

18. Fil-kaz odjern, l-atturi ma indikaw lill-Qorti l-ebda disposizzjoni statutorja partikolari li setghet kienet imposta bil-ligi fuq is-socjeta` konvenuta in konnessjoni mal-gestjoni tan-negozju taghha. F'cirkostanzi bhal dawn, ghalhekk, l-azzjoni odjerna trid tigi bazata fuq in-normi u l-principji generali tar-responsabbilita` akwiljana kif din temergi mid-disposizzjoni relevanti tal-Kodici Civili.

19. Illi mhux kontestat li Vittorio Cassone gie maqtul b'tir ta' arma minn aggressur li ghamel *hold-up* fl-istabbiliment fejn il-vittma kien impjegat bhala Catering Manager tas-socjeta` konvenuta. Bazikament l-atturi qeghdin jallegaw illi s-socjeta` konvenuta ma pprovdietx post tax-xoghol li kien sikur ghall-impjegati taghha, u li b'hekk hija kkontribwiet biex sehh l-incident tragiku li fih Vittorio Cassone safa' maqtul. Ghalhekk biex l-atturi jkollhom success f'din il-kawza, huma jridu jippruvaw, fuq bilanc ta' probabilitajiet, li s-socjeta` konvenuta kellha xi htija jew kienet negligenti meta sehh il-qtil in kwistjoni fl-istabbiliment taghha f'San Giljan.

20. F'tema ta' danni derivanti minn delitt jew kwazi delitt, il-Kodici Civili jipprovdi inter alia s-segwenti disposizzjonijiet:
"**1029.** Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew fuq il-beni tieghu tigri l-hsara.

**1030.** Kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghal hsara li tigri b'dan l-uzu.

**1031.** Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu.

**1032 (1)** Jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

**(2)** Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar.

**1033.** Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, huwa obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk."

21. Il-htija jew kolpa fil-kaz ta' fatt li jikkawza l-hsara, u li minnu torigina l-azzjoni akwiljana, tavverra ruhha meta wiehed jaghmel att volontarjament, u huwa jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dan l-att, meta huwa seta' jipprevedi dak l-effett dannuz. L-istess tip ta' htija tiskatta meta wiehed jonqos li jaghmel xi haga li jkollu d-dmir li jaghmel u b'hekk jikkawza danni lil haddiehor, danni li seta' jipprevedi.

22. Id-dottrina legali taghti diversi definizzjonijiet tal-"culpa". Carrara (Programma, Parte Generale, Vol. I para. 80) jikkummenta hekk:
"*Si mutino come piace le formule, ma il tripode sul quale si asside la colpa sara` sempre questo (1) volontarieta` dell'atto, (2) mancata previsione dell'effetto nocivo, (3) possibilita` di prevedere.*"

Aktar 'l isfel ezattament fil-paragrafu 83, dan l-awtur jirribadixxi hekk:
*"...... la essenza della colpa sta tutta nella prevedibbilita`"*

23. Kif jinghad fil-kollezzjoni Vol. XLVIII. Part I, P. 258:
"Prevedibbilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili."

Jinghad ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Mejju 1954, fil-kawza **Carmela Fenech proprio et nomine v. Antonio Galea**:
"F'tema ta' danni derivanti minn delitt jew kwazi delitt, id-diligenza li hija necessarja biex tnehhi r-responsabbilita` hija dik medja, ossia ordinarja, cioe` dik ta' bniedem prudenti."

Prinicpju iehor kardinali f'materja ta' danni akwiljani huwa li sabiex ikun hemm lok ghad-danni jrid ikun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpuz u l-konsegwenza dannuza.

24. Irrizulta li l-atturi attribwew htija lis-socjeta` konvenuta ghall-akkadut ghaliex allegaw li l-hanut ma kienx imdawwal sewwa fuq in-naha ta' barra u t-triq kienet mudlama; allegaw li ma kienx hemm sistema ta' *alarm* u ma kienx hemm bieb fuq in-naha ta' wara li minnu l-impjegati setghu jaharbu mill-aggressjoni. L-ewwel Qorti qablet ma' l-atturi meta rriteniet li f'dan il-kaz la kien hemm dawl adegwat barra, la sistema ta' *alarm*, u li min jizgicca ghal wara tal-hanut ma setax jahrab lill-aggressur tieghu definittivament. L-ewwel Qorti sabet ness ta' kawza u effett bejn l-att u d-dannu ghaliex, fil-fehma ta' l-ewwel Qorti, il-fatt li ma ttiehdet l-ebda mizura ta' sigurta`, zdiedet il-possibilita` ta' att ta' aggressjoni u li fuq kollox ghamlitha kwazi impossibbli ghall-haddiema li jaharbu l-aggressjoni. Abbazi ta' dan, l-ewwel Qorti sabet lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghall-mewt ta' l-awtur ta' l-atturi u dan peress li kienet negligenti u in kolpa meta ma haditx mizuri ta' sigurta` biex tissalvagwardja l-inkolumita` ta' l-impjegati taghha, ommissjoni din li fuq bazi ta' probabbilita` kkontribwiet mhux ftit ghall-akkadut.

25. Din il-Qorti vvaljat akkuratament il-provi li huma migbura fil-process, u bir-rispett dovut lejn l-ewwel Qorti ma tistax tikkondividi l-opinjoni ta' l-ewwel Qorti li f'dan il-kaz is-socjeta` konvenuta kellha tinstab responsabbli ghall-mewt ta' l-awtur ta' l-atturi.

26. Jirrizulta assodat li l-mewt ta' Vittorio Cassone kienet rizultat dirett ta' att kriminuz ta' terza persuna li dahlet

armata fil-hanut tas-socjeta` konvenuta u hemmhekk wettqet *hold-up*. Ghandu jinghad li hadd mill-impjegati li kienu fuq il-post meta sehh il-*hold-up*, ma offra xi tip ta' rezistenza lill-aggressur. Dan qatel lil Vittorio Cassone, kiesah u biered b'tir tal-pistola u certament il-konsegwenza dannuza li sofrew l-atturi temani minn dan il-fatt doluz ta' dan it-terza persuna.

27. Il-Qorti sejra issa tezamina l-provi biex tistabbilixxi jekk il-mizuri ta' sigurezza li jissemmew fis-sentenza appellata, fuq bilanc ta' probabbilitajiet, kienux ifixklu jew jimpedixxu li l-hold-up isir, u jekk setghux jevitaw li jsir dan id-delitt.

28. Jirrizulta li l-hanut kellu insenja lluminata fuq barra ezattament fuq il-bieb. Ma jidhirx li din l-insenja kienet titfa' xi dawl qawwi u jirrizulta wkoll li t-triq kienet pjuttost mudlama f'dawk l-inhawi nonostante li z-zona hija wahda residenzjali. Irid jigi enfasizzat li fl-ewwel lok ir-responsabbilita` li t-toroq jinzammu mdawlin adegwatament taqa' fuq l-awtoritajiet governattivi. Jirriuzlta li certu ammont ta' dawl kien hemm fit-triq ghaliex fil-fatt xi xhieda nnotaw il-kulur u n-numru tal-vettura li ntuzat mill-aggressur meta dan harab minn fuq il-post. Dan in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura nghata lill-pulizija u kien ta' ghajnuna kbira fl-investigazzjoni taghhom. Din il-Qorti hija tal-fehma li anke li kieku kien hemm dawl aktar qawwi fuq il-bieb tal-hanut, xorta wahda dan ma kien jaqta' xejn qalb l-aggressuri potenzjali. Dan qed jinghad ghaliex huwa risaput li dawn, biex jimminimizzaw ir-riskju li jinqabdu, joperaw bi speditezza u agilita` liema bhala, u fl-ahhar mument jghattu wicchom ukoll biex ma jingharfux. Ghalhekk ghal min jaghmel *hold-up* fuq hanut apert ghall-pubbliku, bhal dak gestit mis-socjeta` appellanti, id-dawl ta' barra, qawwi kemm ikun qawwi, fil-fehma tal-Qorti, ma jissarrafx f'mizura ta' sigurezza li wiehed jista' jafda fuqha. Tant hu hekk, illi ta' sikwit nisimghu b'*hold-ups* li jsiru fid-dawl tax-xemx, anke f'postijiet li jkunu fil-qalba ta' bliet u rhula.

29. Is-sentenza appellata ssemmi bhala mizura ta' sigurta` li kienet nieqsa mill-hanut, sistema ta' *alarm*

facilment accessibbli ghall-impjegati. La l-atturi u lanqas is-sentenza appellata ma tispjega x'tip ta' sistema ta' *alarm* wiehed qed jitkellem minnha hawn. Jekk wiehed qieghed jitkellem fuq *burglar alarm*, kif sewwa tirrimarka s-socjeta` appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha, din ma tkunx mixghula waqt il-hinijiet tax-xoghol izda tithalla mixghula meta ma jkun hemm hadd fil-post sabiex tiskatta jekk jidhol xi hadd li ma jkunx awtorizzat fil-post. Hemm sistema ohra ta' *alarm* li tkun tista' tintuza minn impjegat waqt il-hin normali tax-xoghol. Din tkun tista' tigi mixghula minn impjegat, ad insaputa ta' l-aggressur li jkun qieghed jikkommetti *hold-up*. Din bazikament tibghat messagg lill-eqreb ghassa tal-pulizija, li mbaghad ikunu jistghu jintervjenu. Certament din is-sistema ta' *alarm,* safejn taf il-Qorti, mhijiex prekawzjoni li ordinarjament tintuza f'dan it-tip ta' hanut li huwa wiehed bazikament ta' *take-away* ta' *pasta*. Invece, din is-sistema ta' *alarm* tintuza fil-banek, go gojjelleriji u negozji simili, li jikkummercjaw il-flus jew oggetti ohra ta' valur kbir. Fil-fehma ta' din il-Qorti, anke li kieku kien hemm installat fil-hanut in kwistjoni dan it-tip ta' *alarm,* xorta wahda din x'aktarx ma kenitx isservi ta' mizura ta' sigurta` adegwata ghaliex il-*hold-up* u d-delitt gew esegwiti b'certa rapidita` fi zmien qasir hafna.

30. Is-sentenza appellata sabet negligenza da parti tas-socjeta` appellanti ghal fatt li l-hanut ma kienx mghammar, fil-parti ta' wara tieghu, b'xi bieb li jissakkar biex b'hekk jaghmilha possibbli ghall-impjegati li jaharbu mill-hanut waqt l-aggressjoni bhal dik meritu tal-kawza. Din il-Qorti hija tal-fehma li anke jekk kieku kien hemm tali hrug ta' emergenza bhal dik prospettata mill-ewwel Qorti, id-delitt xorta wahda kien isehh. Ibda biex, din il-mizura ma kienet tipprotegi xejn affattu lill-klijenti li jsibu ruhhom fil-hanut waqt il-*hold-up*. Dawn ikunu fuq in-naha l-ohra tal-bank u allura fil-qabda ta' l-aggressur li jkun dahal fil-post biex iwettaq il-*hold-up*. Ghal ragunijiet ovvji, din il-Qorti jidhrilha li din il-mizura jekk tithaddem waqt *hold-up* possibilment tista' tpoggi l-hajja ta' dawn il-klijenti u ta' impjegati ohra f'periklu akbar. Apparti dana l-aspett li jikkoncerna lill-klijenti li jkun hemm fil-hanut, din il-Qorti jidhrilha li aggressur armat b'arma tan-nar, kif kien l-aggressur li wettaq id-delitt meritu tal-kawza, jista' isir

aktar aggressiv meta jinduna li l-impjegati se jippruvaw jaharbu minn fuq il-post u b'hekk huwa jkun sejjer jigi mfixkel mit-tir tieghu li jahtaf il-flus li jkun hemm fil-*cash register*. Fil-kaz odjern jirrizulta minn paragrafu 4 u 5 ta' l-affidavit ta' l-attrici Yvonne Cassone li jinsab a fol. 38 tal-process li l-hold-up sar hekk:
"4. Jiena ma kontx prezenti meta gara l-incident u sirt naf dwar x'gara minghand l-impjegati l-ohra tad-ditta konvenuta, cioe` Silvano D'Agostini l-kok, certa Sarah illi kienet Chef Assistant.

5. Dawn kienu prezenti meta sar l-incident tat-13 ta' Jannar, 1993. Maghhom kien hemm it-tifel ta' wiehed mis-sidien cioe`, Silvio Comandini, illi kien mal-*cash*. Apparentement dahal fil-hanut guvni b'arma f'idu, talab il-flus u indirizza din it-talba lil Commandini. Peress illi l-cash register kien ghadu gdid, Commandini sab diffikulta` jifthu. Il-guvni beda jirrabja u jhedded u klienta illi dak il-hin inzertat gewwa l-hanut bdiet tibki. X'hin ra hekk ir-ragel resaq lejn il-cash register u qal lil dan il-guvni biex jikkalma ghaliex il-guvni kien qieghed beda jirtoghod. Ir-ragel beda jghin lil Commandini biex jiftah il-cash register u f'hin minnhom il-guvni spara u qatel lir-ragel instantaneament. Saru l-investigazzjonijiet mill-Pulizija izda ma tressaq hadd in konnessjoni ma' l-omicidju."

Jirrizulta minn din ix-xiehda li meta l-vittma Vittorio Cassone sab ruhu f'din is-sitwazzjoni difficli, huwa agixxa korrettement. Mhux talli ma ppruvax ifixkel lill-aggressur billi jahrab minn fuq il-post, talli l-vittma pprova jikkalma s-sitwazzjoni u pprova jakkomoda kemm seta' lill-aggressur. Nonostante dan l-operat, fil-fehma ta' din il-Qorti korrrett tal-vittma, huwa xorta wahda safa' maqtul ghaliex l-aggressur sparalu ghal xejn b'xejn u kiesah u biered, u qatlu instantanjament. Fil-fehma tal-Qorti, u fuq bilanc ta' probabilitajiet, li kieku l-vittma kif ukoll l-impjegati l-ohra li kien hemm fil-hanut ippruvaw ifixklu l-aggressur billi jaharbu minn fuq il-post, dan l-aggressur insensat x'aktarx li kien jaghmel stragi akbar milli ghamel. Dan qed jinghad ukoll ghaliex balla sparata minn pistola hija ferm iktar veloci minn riglejn l-impjegati.

31. Wara li hasbet hafna fuq dan il-kaz, din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li fuq il-bazi tal-ftit provi relevanti li hemm fil-process, jidhrilha li l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw sodisfacjentement li fl-ghemil taghha s-socjeta` appellanti, bil-mod kif ghammret u ggestiet il-hanut in kwistjoni, ma wzatx il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

32. Meta qieset in-natura tan-negozju gestit fil-hanut in kwistjoni, il-fatt li dan ma kienx jinstab f'xi post imwarrab, u c-cirkostanzi l-ohra tal-kaz, din il-Qorti rradikat fiha l-fehma li s-socjeta` appellanti ma kenitx qeghda tonqos minn xi dmir impost fuqha bil-ligi meta hija ma pprovdietx 'l hekk imsejha mezzi tas-sigurta` msemmija fis-sentenza appellata. Din il-Qorti jidhrilha li bihom u minghajrhom, fuq bilanc ta' probabilitajiet, id-delitt xorta wahda kien isir u jsehh ghax dan id-delitt kien rizultat dirett ta' att kriminuz ta' aggressur insensat li s-socjeta` appellanti assolutament ma kellha xejn x'taqsam mieghu.

33. La l-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni, evidentement ma hemm l-ebda htiega li jigi investigat it-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti li jikkoncerna l-*quantum* tal-likwidazzjoni tad-danni stabbiliti mill-ewwel Qorti.

34. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell tas-socjeta` konvenuta, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u previa li tilqa' it-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, tichad it-talbiet ta' l-atturi kontenuti fl-att tac-citazzjoni. Madanakollu, tirriserva lill-istess atturi kull dritt iehor li jista' ikollhom fil-konfront ta' kwalsiasi terza persuna li mhix fil-kawza u li effettivament wettqet id-delitt. Minhabba n-novita` tal-kwistjonijiet legali li tqajjmu u li gew decizi f'din il-kawza, ikun gust li jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez. Ghalhekk tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------